

Brussell, 16 ta' Lulju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0211(COD)

10875/21
ADD 7

CLIMA 193
ENV 528
ENER 328
TRANS 477
AGRI 356
COMPET 555
ECOFIN 746
CODEC 1099
IA 138

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 602 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 602 final.

Mehmuż: SWD(2021) 602 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
SWD(2021) 602 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757

{COM(2021) 551 final} - {SEC(2021) 551 final} - {SWD(2021) 557 final} -
{SWD(2021) 601 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 biex l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet tissaħħaħ u tiġi estiża f'konformità mal-ambizzjoni klimatika miżjuda tal-Unjoni għall-2030
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Hemm tliet tipi ta' problemi. L-ewwel nett, dawk li huma assoċjati mal-ħtieġa li l-Iskema eżistenti tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet tissaħħaħ (ETS) b'mod proporzjonat mal-mira għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbel mal-1990, filwaqt li jiġu evitati żbilanċi fil-provvista u d-domanda. It-tieni, ċertu setturi jikkontribwixxu b'mod insuffiċjenti għall-kisba tal-mira miżjuda. Fl-aħħar, kemm it-tisħiħ meħtieġ tal-ETS eżistenti kif ukoll l-espansjoni possibbli tan-negożjar ta' kwoti ta' emissjonijiet għal setturi addizzjonali se jeħtieġu żieda fl-investimenti u kapaċità akbar biex tiġi indirizzata d-distribuzzjoni tal-impatti tal-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li l-fondi jibqgħu limitati.
X'għandu jinkiseb?
L-objettiv huwa li l-ETS tiġi riveduta b'mod kosteffettiv u koerenti f'konformità mal-mira klimatika miżjuda, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal tranżizzjoni ġusta u l-ħtieġa li s-setturi kollha jikkontribwixxu għall-isforzi klimatiċi tal-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali. Bħala suq tal-karbonju, l-ETS l-ewwel tinentiva t-tnaqqis tal-emissjonijiet fost l-attivitajiet u l-pajjiżi li tkopri permezz tas-soluzzjonijiet l-aktar kosteffiċjenti, filwaqt li tikseb effiċjenza akbar bis-saħħa tal-iskala tagħha. L-implimentazzjoni ta' miżura simili f'livell nazzjonali tirriżulta fi swieq tal-karbonju iżgħar u frammentati, u toħloq riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u x'aktarx twassal għal kostijiet kumplessivi oġġla ta' tnaqqis. L-istess loġika tapplika għall-estensjoni tal-ipprezzar tal-karbonju għal setturi ġodda.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
Element ewlieni huwa t-tisħiħ tal-ETS eżistenti biex l-ambizzjoni tagħha tiżdied f'konformità mal-mira netta ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % sal-2030. L-għażliet ivarjaw meta l-fattur lineari ta' tnaqqis jiġi ristrett u jekk ir-restrizzjoni tibda mit-trajettorja attwali tal-limitu massimu jew minn bażi ġdida. Kwalunkwe waħda mill-għażliet tkun effettiva u effiċjenti biex jintlaħaq l-objettiv tal-2030. Għalhekk, l-għażla bejn l-għażliet differenti għat-tisħiħ tal-ETS u l-pakketti relatati b'għażliet oħra, eż. dwar ir-Riżerva tal-istabbiltà tas-suq, tibqa' waħda politika. Hemm bżonn ta' protezzjoni aktar immirata kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li tiġi iċċentivata l-innovazzjoni, li tista' tiegħu l-forma ta' parametri referenzjarji msaħħa għall-allokazzjoni bla hłas tal-kwoti. Hemm erba' għażliet ewlenin biex il-qafas tal-politika dwar il-klima jiġi estiż għat-trasport marittimu: l-integrazzjoni fl-ETS eżistenti, li tista' tiġi kkombinata wkoll ma' standard ta' intensità tal-karbonju, ETS separata u imposta fuq l-emissjonijiet. L-għażla ppreferuta hija l-integrazzjoni fl-ETS attwali, li, skont l-għażliet politiċi, tista' tkopri l-emissjonijiet minn vjaġġi fiż-ŻEE jew tista' testendi aktar, biex tinkludi nofs l-emissjonijiet minn vjaġġi barra miż-

ŻEE. Għall-estensjoni possibbli għal setturi oħra, it-twaqqif ta' ETS separata għall-bini u t-trasport jew għall-emissjonijiet kollha mill-kombustjoni tal-fjuwils fossili huma ż-żewġ għażliet ewlenin li nżammu, li jikkomplementaw politiki oħra msaħħa tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li huma mmirati lejn l-appoġġ tat-teknoloġija, l-ostakli mhux relatati mal-prezzijiet u l-inċentivi kontinwi għal azzjoni nazzjonali li tirrifletti ċ-ċirkostanzi nazzjonali. Il-benefiċċju ewleni ta' kamp ta' applikazzjoni li jkopri biss il-bini u t-trasport bit-triq meta mqabbel ma' estensjoni għall-kombustjoni tal-fjuwils fossili kollha huwa l-effiċjenza ekonomika, b'mod partikolari peress li jevita l-ħolqien ta' sistema ġdida ta' protezzjoni kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Hemm bżonn li jiġu appoġġati teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju billi jiżdied il-Fond għall-Innovazzjoni. Madankollu, l-ammont magħżul fl-aħħar mill-aħħar huwa għażla politika li hija marbuta mad-deċiżjonijiet dwar l-ambizzjoni eżistenti tal-ETS u mad-deċiżjoni dwar l-estensjoni tan-negożjar ta' kwoti ta' emissjonijiet għal setturi ġodda. Id-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà biex jiġu indirizzati l-isfidi distributtivi bejn l-Istati Membri jistgħu jiġu żviluppati aktar, mingħajr preġudizzju għal kontribuzzjoni tal-ETS għal riżorsi proprji ġodda tal-UE. L-indikazzjonijiet kollha tal-miżuri preferuti għandhom jitqiesu bħala indikattivi, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti biex jiġu ppreservati l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza ġenerali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika jappoġġaw it-tishiġ tal-ETS eżistenti sabiex tiżdied l-ambizzjoni tagħha f'konformità mal-mira l-ġdida għall-2030. Maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu jaqblu mar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq bħala strument u huma favur l-emendar tal-qafas tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, iżda ppreżentaw fehmiet imħallta dwar l-għażliet differenti ta' politika. Fir-rigward ta' estensjoni possibbli għal setturi oħra, hemm xi appoġġ biex it-trasport marittimu jiġi inkluż fl-ETS attwali, filwaqt li dawk li wiegħbu, u b'mod partikolari l-atturi tas-settur privat, jippreferu l-istabbiliment ta' ETS separata, ikkomplementata minn politiki oħra, jew għall-bini u t-trasport jew għall-emissjonijiet kollha mill-kombustjoni tal-fjuwils fossili. B'mod ġenerali, l-atturi tas-settur privat, it-trejdjunjins u l-NGOs huma pjuttost xettiċi dwar integrazzjoni fl-ETS eżistenti. L-organizzazzjonijiet umbrella tal-impjegaturi u tal-impjegati tal-UE wkoll urew xettiċiżmu rigward l-estensjoni tan-negożjar tal-emissjonijiet, filwaqt li ċ-ċittadini u l-akkademiċi jiffavorixxuha. Maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu esprimew appoġġ għal żieda fil-Fond għall-Innovazzjoni.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażliet kollha jiżguraw li jinkiseb it-tnaqqis addizzjonali meħtieġ tal-emissjonijiet biex jinkiseb -55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990 b'mod kosteffiċjenti u b'aktar ċertezza minn strumenti oħra. Id-dħul annwali jista' jintuża biex jiżdiedu l-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni, biex jitrawmu investimenti b'livell baxx ta' karbonju inkluż fl-industrija, biex jiġu indirizzati l-impatt distributtiv bejn l-Istati Membri u l-impatti soċjali fuq l-unitajiet domestiċi, u biex jikkontribwixxi għar-riżorsi proprji tal-UE. L-ETS msaħħa u estiża tikkontribwixxi biex jiġu evitati danni għas-saħħa ta' bejn EUR 17.6 u 35.2 EUR biljun fl-2030 permezz ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja, u għal sigurtà mtejba tal-enerġija. Il-Valutazzjoni tal-Impatt għall-Komunikazzjoni dwar it-Tishiġ tal-Ambizzjoni Klimatika tal-Ewropa għall-2030 (Valutazzjoni tal-Impatt tal-2030)¹ ikkwantifikat il-benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

¹ SWD(2020)176

<p>Il-prezzijiet tal-karbonju previsti għall-2030 ivarjaw minn bejn EUR 50, jekk wieħed jassumi politiki komplementari b'saħħithom tal-Patt Ekoloġiku kif ukoll l-antiċipazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti futuri tad-dekarbonizzazzjoni, u EUR 85 jekk jiġu implimentati politiki komplementari inqas b'saħħithom. Dawn iżidu l-prezzijiet medji tal-fjuwil għall-industrija, it-trasport u l-unitajiet domestiċi, b'żidiet relattivi aktar b'saħħithom għall-bini milli għat-trasport u l-industrija. Jekk jitwettqu investimenti kosteffiċjenti biex jinkiseb tnaqqis ta' 55 %, is-sehem tal-ispejjeż tal-fjuwil għall-bini fin-nefqa tal-unitajiet domestiċi ma jiżdiedx u jista' saħansitra jonqos b'aktar minn 0.1 punti perċentwali għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx. Madankollu ż-żidiet fil-kostijiet kapitali annwali kosteffikaċi jistgħu jkunu d-doppju f'unitajiet domestiċi bi dħul aktar baxx, b'żieda li tasal sa 1.4 punti perċentwali tal-infiq tal-konsum. Għal unitajiet domestiċi vulnerabbli dan iqajjem kwistjoni ta' affordabbiltà. L-analiżi fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Pjan tal-Mira Klimatika għall-2030 uriet li dan jista' jiġi kkompensat permezz ta' miżuri distributtivi. L-analiżi kkwantifikat ukoll l-impatti negattivi tal-attività settorjali u tal-impjiegi, b'mod partikolari fl-estrazzjoni tal-fjuwils fossili u, sa ċertu punt, f'xi industriji intensivi fl-użu tal-karburanti fossili.</p>
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</p>
<p>L-impatti fuq il-kompetittività għall-industrija jittaffew permezz ta' allokkazzjoni bla ħlas tal-kwoti aktar immirata. Għall-biċċa l-kbira tal-għażliet, il-ħtieġa għall-applikazzjoni tal-Fattur ta' Korrezzjoni Transsettorjali li jnaqqas l-allokkazzjoni bla ħlas tal-kwoti għall-benefiċjarji kollha hija limitata. Emittenti żgħar, li jibqgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS (għalkemm mhux neċessarjament SMEs) xorta jistgħu jiġu eżentati mill-ETS eżistenti jekk jittieħdu miżuri ekwivalenti mill-Istat Membru rispettiv. L-estensjoni prevista għas-settur marittimu tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika li jeżentaw bastimenti żgħar. L-ETS il-ġdida għal setturi oħra tapplika upstream, filwaqt li tibni fuq dispożizzjonijiet eżistenti li jirregolaw l-imħażen tat-taxxa jew il-fornituri tal-fjuwil. Il-kostijiet amministrattivi addizzjonali jkunu moderati għall-gass u ż-żejt. Għall-faħam, li jintuża biss fi ftit Stati Membri għat-tisħin, il-kostijiet amministrattivi jkunu ogħla, peress li ħafna drabi jkun inqas regolat u jkun hemm ħafna fornituri żgħar.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p>
<p>Skont l-ETS eżistenti, il-biċċa l-kbira tad-dħul mill-irkantar jakkumula għall-Istati Membri. Ikun hemm impatti pożittivi potenzjalment sinifikanti fuq il-baġits nazzjonali f'każ li tinħoloq ETS ġdida għat-trasport bit-triq u l-bini. L-impatt dirett fuq il-baġits nazzjonali jiddependi wkoll fuq sa liema punt id-dħul addizzjonali se jiġi dirett lejn ir-riżorsi proprji tal-UE. Għall-ETS eżistenti, ma hemm l-ebda impatt amministrattiv addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-impatti tal-estensjonijiet/tal-ETS il-ġdida jistgħu jiġu limitati billi jintużaw l-istess infrastrutturi amministrattivi.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</p>
<p>Skont l-ambitu ġeografiku tagħha, estensjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima għat-trasport marittimu jista' jkollha impatt fuq pajjiżi terzi u fuq il-flussi tal-kummerċ u tal-investment.</p>
<p>Proporzjonalità?</p>
<p>L-għażliet ta' politika ewlenin kollha huma proporzjonali għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv għat-tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet. Dan jagħmluh bl-aktar mod kosteffiċjenti possibbli.</p>
<p>D. Segwitu</p>

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Kif inhu l-każ bħalissa, huwa previst rieżami regolari fil-leġislazzjoni. Ir-rieżami huwa allinjat mar-rieżami ta' leġislazzjoni oħra bħal fil-proposta għar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet.